# IL-BALLUT TAL-WARDIJA

## SIT PROTETT



### Kont taf?

**Il-ballut fiż-żona huwa stmat li għandu bejn il-500 u 1000 sena, jista' jkun iktar, u huwa fost l-eqdem u l-akbar siġar fil-Gżejjer Maltin.**

### Deskrizzjoni

- Il-Ballut tal-Wardija jinsab fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar u jagħti fuq il-Bajja ta' San Pawl. Din iż-żona tgawdi provvista ta' ilma ġieri minn għajn fiż-żona, speċjalment dik magħrufa bħala Għajn Ballut.
- Huwa kkaratterizzat minn fdal ta' bosk qadim tal-ballut *(Quercus ilex)* li kien jikber fl-inħawi b'mod naturali.
- Hemm ukoll masġar koniferu żgħir, imsejjes l-aktar fuq iż-żnuber *(Pinus halepensis)*.
- Iż-żewġt imsaġar huma mdawra b'art agrikola u xagħri.



**Il-balluta** - ***Quercus ilex***



**Iż-żnuber** - ***Pinus halepensis***

### Ekoloġija u importanza

- Il-fdal ta' bosk tal-ballut, li huwa fih innifsu rari u prezzjuż, fih ukoll għadd ta' speċi ta' siġar rari u mhedda, bħall-alaternu *(Rhamnus alaternus)* u r-riħan *(Myrtus communis)*, kif ukoll iż-żebbuġ *(Olea europaea)*, id-deru *(Pistacia lentiscus)* u l-ħarrub *(Ceratonia siliqua)*, li wħud minnhom huma tabilħaqq qodma.
- Is-sit huwa għani wkoll fil-faqqiegħ, fungi oħra u likeni, li l-biċċa l-kbira minnhom jikbru biss f'dan il-fdal ta' bosk jew fdalijiet ta' bosk oħrajn, u b'hekk huma rari u vulnerabbli ħafna, b'firxa limitata fil-Gżejjer Maltin.
- Il-fawna fiż-żona hija wkoll partikulari u estremament vulnerabbli ġaladarba tiddependi fuq l-għata permanenti tal-bosk.
- Il-bosk iħaddan ukoll invertebrati rari u vulnerabbli ħafna, inkluż numru ta' speċi endemiċi, jiġifieri speċi li jinsabu biss fil-Gżejjer Maltin. Ħafna speċi jgħixu midfuna fil-ħamrija, taħt weraq niexef, fi frieġħi mejta tas-siġar, taħt il-qxur taz-zkuk tas-siġar jew taħt il-ġebel niedi.
- Ix-xagħri taż-żona huwa importanti ħafna għal għadd ta' pjanti rari, mhedda u/jew endemiċi, kif ukoll pjanti b'firxa limitata fil-Mediterran, inkluża l-orkida piramidali ta' Malta *(Anacamptis urvilleana)*, li hija endemika.

### Theddid

- Is-sit huwa mhedded min-nirien mhux ikkontrollati fuq art agrikola li jistgħu jeqirdu s-siġar qodma.
- Huwa wkoll mhedded mir-rimi ta' skart u attivitajiet illegali oħra.



**L-alaternu** - ***Rhamnus alaternus***

ERA

Ippubblikat mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi - © ERA 2017

*Żona għall-Ħarsien tas-Siġar u Żona Speċjali tal-Konservazzjoni ta' Importanza Internazzjonali permezz tal-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent u d-Direttiva tal-UE dwar l-Ambjenti Naturali.*